MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 145/2010

**Il-Pulizija
Spettur Elton Taliana
vs
Mario Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mario Vella ta’ 47 sena, bin Joseph u Thereza nee’ Azzopardi, imwieled l-Ingilterra fl-14 ta’ Frar 1963 u 162, Vjal il-Helsine, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ numru 21191(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-07 ta’ Frar 2010 ghal-habta tas-siegha u kwart ta’ wara nofsinhar minn go residenza 85, Triq Hal-Warda, Attard, bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, flimkien ma persuni ohra, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta’ tieghu, u dan ghad-danni ta’ Emanuel Cassar ;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi , volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza 85, Triq Hal-Warda, Attard ghad-dannu ta’ Emmanuel Cassar liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma tkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ;

Il-Qorti kienet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta’ l-artikolu 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reat, b’sentenza ta’ reati Maltin, liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika fil-konfront ta’ l-imputati d-disposizzjoni ta’ l-artiklu 5 ta’ l-att dwar il-M*oneylaundering* Kap 373 tal-ligijiet ta’ Malta u dan ai termini ta’ l-artikolu 23A (2) tal-Kap. 9.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jqasmu mal-hatra ta’ l-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-15 ta’ April 2010 (inserita a fol. 124 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b)(2), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 276, 277(b), 278(2), 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) fl-artikoli 17, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Maltau l-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-17 ta’ Novembru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi

procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza naqset milli tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha entro t-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw attentat ta' serq u hsara volontarja li sehhew fis-7 ta' Frar, 2010 ghall-habta tas-1:15 p.m. minn gewwa l-fond bin-numru 85, Triq Hal-Warda, Attard. Mill-provi rrizulta li fl-imsemmija data Christian Cassar[1], iben Emanuel Cassar kien qieghed wahdu fl-imsemmija residenza fis-sular ta' fuq meta sema' xi hsejjes u meta ttawwal mit-tieqa ra persuna thares il'fuq. Meta huwa nizel isfel sab il-bieb ta' barra miftuh u s-serratura mal-art u ghalaq il-bieb minnufih u sakemm kien qed jivverifika kienx hemm xi persuni fid-dar rega' sema lin-nies minn barra jergghu jippruvaw jifthu l-bieb u huwa fetah il-bieb u lemah tlieta minn nies li harbu jigru minn fuq il-post u rikbu f'vettura tal-ghamla Stationwagon Ford Mondeo u ta' kulur blu li kienet parkeggjata quddiem ix-showroom ta' Bonds. Huwa ta deskrizzjoni lil Pulizija ta' wiehed mill-malviventi ghaliex gie wicc imb'wicc mieghu meta fetah il-bieb.

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur[2] f'dan il-kaz kif ukoll mix-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef[3] u mir-ritratti minnu esebiti (inseriti a fol 35 tal-atti processwali jirrizulta li wara li l-Pulizija elevat filmati mehuda minn CCTV cameras tal-istabbilimenti Bond's u AFS f'H'Attard, setghet tikkonstata li kien hemm vettura tal-ghamla Ford Mondeo stationwagon ta' kulur blu parkeggjata fejn indika Christian Cassar u li f'din il-vettura

---

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2010.
[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2010.
[3] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2010.

telghu tlett irgiel li telqu minn fuq il-post. In-numru tar-registrazzjoni tal-vettura ma' setghax jigi identifikat. Minn indagni ulterjuri li ghamlet il-Pulizija mal-Awtorita' Dwar it-Trasport, irrizulta li hawn Malta kien hawn registrata vettura wahda biss tal-ghamla Ford Mondeo stationwagon ta' kulur blu u din kienet registrata f'isem l-imputat fil-kawza odjerna u kellha n-numru ta' registrazzjoni DBQ 905. F'dawn il-proceduri xehdu Brian Farrugia[4], Thomas Desira[5] u Stephen Vella[6] mill-Awtorita' Dwar it-Trasport u mill-MITA fejn dawn ikkonfermaw li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBQ 905 kienet registrata f'isem l-imputat u li fis-7 ta' Frar, 2010 kienet l-unika vettura tal-ghamla Ford Mondeo stationwagon u ta' kulur blu registrata hawn Malta.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri gie esebit Process Verbal[7] minn fejn jirrizulta li fil-21 ta' Frar, 2010 saru zewg Identification Parades fejn accediet il-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke u kkonstatat li l-line-ups saru ai termini tal-Artikolu 74 tal-Police Act u fejn semghat ix-xhieda bil-gurament ta' Christian Cassar li fiz-zewg line-ups identifika lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li ppruvaw jisgassaw ir-residenza 85, Triq Hal-Warda, H'Attard fis-7 ta' Frar, 2010 u li ra jaharbu minn fuq il-post fil-Ford Mondeo blu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat ghazel li ma' jixhidx. Mill-atti izda jirrizulta li huwa rrilaxxja zewg stqarrijiet[8] fejn huwa ghazel li ma' jwegibx ghall-hafna mid-domandi li sarulu. Meta huwa gie muri l-istills mehudin mis-CCTV cameras ta' AFS u Bond's izda huwa kkonferma li fis-7 ta' Frar, 2010 kien qieghed fil-post indikat fir-ritratti fejn tidher parkeggjata l-vettura Ford Mondeo blu u huwa inoltre kkonferma li din il-vettura kienet tieghu.

---

[4] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2010.
[5] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2011.
[6] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2011.
[7] Inserit a fol 56 tal-atti processwali.
[8] Inseriti a fol 8 u 9 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat bi tlett (3) imputazzjonijiet u cioe' b'attentat ta' serq, hsara volontarja li teccedi l-mija u sittax-il ewro u seba' u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux l-elf mija erba' u sittin ewro u disa' centezmi (€1,164.09) u bl-aggravju tar-recidiva. Il-Qorti jidrilha li l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-provi fil-fatt jirrizulta li l-imputat gie identifikat minn Christian Cassar bhala wiehed mill-malviventi li sgassaw il-bieb ta' barra tar-residenza tieghu u tal-genituri tieghu. Christian Cassar identifika lill-imputat mhux biss fl-identification parades, fejn din il-Qorti bhal Magistrat Inkwirenti li accediet ghall-line-ups tinsab sodisfatta li l-line-ups saru skond il-ligi, izda huwa rega' identifika lill-imputat meta xehed f'dawn il-proceduri. Inoltre l-imputat innifsu fl-istqarrija minnu rilaxxjata wara li rrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma' avukat accetta li fid-data u l-hin li sar l-attentat ta' serq kien f'H'Attard u kkonferma li l-vettura Ford Mondeo stationwagon blu li tidher parkeggjata quddiem ix-showroom ta' Bond's kienet tieghu. Inoltre l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-unika vettura ta' dik l-ghamla u ta' dak il-kulur li kien hawn Malta fid-data tal-attentat ta' serq li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna kienet registrata f'isem l-imputat.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien wiehed mill-malviventi li fis-7 ta' Frar, 2010 sgassaw il-bieb tar-residenza ta' Emanuel Cassar sabiex jippruvaw jisirqu l-imsemmi fond u kkagunaw hsara volontarja konsistenti fi ksur tas-serratura liema hsara kienet tammonta ghal mitejn u erbghin ewro (€240) skond ma' jirrizulta mid-dokument inserit a fol 31 tal-atti processwali. Il-Prosekuzzjoni inoltre rnexxilha tipprova li r-reat ma sehhx ghal ragunijiet indipendenti mill-volonta' tal-imputat u li s-serq kien ser ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-vjolenza, ghaliex il-malviventi kienu aktar minn tnejn. Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ser tqis it-tieni (2)

mputazzjoni bhala mezz ghal fini tal-ewwel (1) imputazzjoni.

In kwantu jirrigwarda l-addebitu ta’ recidiva l-Prosekuzzjoni esebiet sentenza tat-28 ta’ Gunju, 1984 moghtija fil-konfronti tal-imputat fejn huwa nghata conditional discharge u din is-sentenza ghalhekk ma tistghax titqies bhala kundanna ghall-finijiet ta’ recidiva. L-imputat m’huwiex ser jitqies bhala recidiv u sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-addebitu tar-recidiva.

Ghall-finijiet ta’ piena, l-Qorti qieset kemm il-gravita’ tar-reati li taghhom l-imputat ser jinstab hati kif ukoll il-fatt li l-imputat ma’ jistghax jitqies li huwa recidiv u fic-cirkostanzi jidrilha li l-aktar piena idoneja tkun piena karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali fejn l-imputat jigi kkundannat ihallas lil Emanuel Cassar l-ammont ta’ hsara kagunat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-15 t’April, 2010 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 261(a),(b), (c) u (e), 262(1)(b)(2), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 276, 277(b), 278(2), 279, 280, 281, 325(1)(b), 17, 23 u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas lil Emanuel Cassar is-somma ta’ mitejn u erbghin ewro (€240).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------